Parlament Ewropew

Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Żjarat fl-Emiċikli – Ġestjoni taż-Żjarat tal-Gruppi

Avviż dwar il-Protezzjoni tad-Data

L-aħħar aġġornament: Novembru 2025

Aħna, il-Parlament Ewropew, nipprovdulek dan l-avviż sabiex ninfurmawk dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħek meta tieħu sehem fi żjara f'waħda mill-emiċikli tagħna fil-kuntest ta' żjara fi grupp.

Nipproċessaw id-data personali tiegħek abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1725 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament").

1. MIN HUWA L-KONTROLLUR TAD-DATA?

Il-Parlament Ewropew (PE), preċiżament l-Unità tal-Gruppi ta' Viżitaturi u taż-Żjarat fl-Emiċikli tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, qed jaġixxi ta' kontrollur tad-data u huwa rrappreżentat mill-Kap tal-Unità tiegħu.

2. KIF TIĠI PPROĊESSATA D-DATA PERSONALI TIEGĦEK U GĦAL LIEMA SKOP(IJIET)?

Nipproċessaw id-data personali tiegħek għall-iskopijiet li ġejjin:

Skop 1: li tiġi bbukkjata ż-żjara tiegħek bħala parti minn grupp ta' viżitaturi sponsorjat jew mhux sponsorjat, inkluż li tingħata aċċess għall-bini tagħna (proċedura ta' akkreditazzjoni)

Skop 2: li tiġi organizzata ż-żjara tiegħek bħala parti minn grupp ta' viżitaturi sponsorjat jew mhux sponsorjat permezz tal-kap tal-grupp tiegħek

Skop 3: li jiġu mmaniġġjati l-aspetti amministrattivi u finanzjarji taż-żjara tiegħek bħala parti minn grupp ta' viżitaturi sponsorjat.

3. LIEMA DATA PERSONALI TIĠI PPROĊESSATA?

Se jiġu pproċessati l-kategoriji ta' data personali li ġejjin:

Il-parteċipanti kollha:

- il-kunjom
- l-isem

- id-data tat-twelid
- l-indirizz postali (Triq, Numru, Kodiċi postali, Belt, Reġjun/Kontea/Provinċja, Pajjiż)
- l-indirizz elettroniku
- in-nazzjonalità
- it-tip tad-dokument tal-identità
- in-numru tal-identità
- id-data tal-iskadenza tad-dokument tal-identità

Għall-kap tal-gruppi sponsorjati:

- l-indirizz elettroniku
- l-indirizz postali (Triq, Numru, Kodiċi postali, Belt, Reġjun/Kontea/Provinċja, Pajjiż)
- il-lingwa
- it-tip tad-dokument tal-identità
- in-numru tal-identità
- id-data tal-iskadenza tad-dokument tal-identità
- il-pajjiż li ħareġ id-dokument tal-identità
- in-numru tat-telefown
- isem il-kumpanija
- id-detentur tal-kont
- isem il-bank
- il-kodiċi SWIFT/BIC
- l-IBAN

Barra minn hekk, nistgħu nipproċessaw:

- il-prova ta' diżabilità jekk int parteċipant sponsorjat eliġibbli għal sussidju addizzjonali abbażi ta' diżabilità;
- il-prova ta' residenza jekk int parteċipant sponsorjat minn pajjiż barra mill-UE.

4. LIEMA HIJA L-BAŻI LEGALI GĦALL-IPPROĊESSAR?

Għall-iskopijiet kollha, il-bażi legali għall-ipproċessar tad-data tiegħek hija l-Artikolu 5.1(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725 – jiġifieri l-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur.

Dan l-obbligu huwa stabbilit fi:

- l-Artikolu 13 u l-Artikolu 16 tar-Regoli tal-Parlament Ewropew dwar l-akkoljenza tal-gruppi ta' viżitaturi tas-16 ta' Diċembru 2002, kif emendati l-aħħar fit-18 ta' Jannar 2021;
- l-Avviż tal-Kwesturi 11/2019 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 23 fir-rigward tar-Regoli dwar l-akkoljenza tal-gruppi ta' viżitaturi u l-istabbiliment ta' kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-viżitaturi bi bżonnijiet speċjali.

5. GĦAL KEMM ŻMIEN SE TINĦAŻEN ID-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Id-data personali tiegħek se tinħażen għall-immaniġġjar u l-organizzazzjoni taż-żjarat:

- għall-gruppi mhux sponsorjati, id-data tinżamm għal sena għal raġunijiet ta' sigurtà (id-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tal-Parlament Ewropew);
- għall-gruppi sponsorjati, id-data tinżamm għal ħames (5) snin wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew (ġeneralment total ta' seba' (7) snin mill-mument tal-ġbir tad-data), kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju tal-UE;

wara dawk il-perjodi, id-data tiġi anonimizzata għal finijiet ta' statistika.

6. MIN JIPPROĊESSA D-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Aħna ma naqsmu d-data tiegħek mal-ebda proċessur.

7. MIN HUMA R-RIĊEVITURI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Ir-riċevituri tad-data personali tiegħek huma:

Għall-gruppi kollha:

- id-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DĠ SAFE) għal raġunijiet ta' akkreditazzjoni u sigurtà – jekk jogħġbok irreferi għar-rekord 818 "Akkreditazzjoni tal-Viżitaturi" disponibbli fir-Reġistru tal-Protezzjoni tad-Data pubbliku tagħna.

Għall-gruppi sponsorjati:

- id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS) għall-verifika, il-kontrolli ex post, u l-prevenzjoni tal-pagamenti doppji taħt il-programm *Iltaqa' mal-Membru tal-PE tiegħek*.
- l-unità tal-Awditjar Intern tal-Parlament Ewropew f'każ ta' awditu intern.

Barra minn hekk, id-data tista' tiġi żvelata lill-Qorti tal-Awdituri f'każ ta' awditu.

8. ID-DATA PERSONALI TIEGĦEK SE TIĠI KONDIVIŻA MA' XI PAJJIŻ MHUX TAL-UE JEW MA' XI ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI?

Le, id-data personali tiegħek mhix se tiġi kondiviża ma' xi pajjiż mhux tal-UE jew ma' xi organizzazzjoni internazzjonali.

9. NUŻAW XI PROĊESS AWTOMATIZZAT U/JEW TA' TFASSIL TA' PROFILI BIEX NIEĦDU DEĊIŻJONIJIET LI JISTGĦU JAFFETTWAWK?

Le, ma nimplimentaw l-ebda proċess awtomatizzat u/jew ta' tfassil ta' profili li jieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk.

10. JEKK ID-DATA PERSONALI MA NKISBITX MINGĦANDEK, X'INHU S-SORS TAGĦHA?

Ma niġbru l-ebda data minn xi sors ieħor għajr mingħandek.

11. XI DRITTIJIET GĦANDEK?

Skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14 sa 25) tar-Regolament, inti għandek id-drittijiet li ġejjin:

- id-dritt li taċċessa d-data personali tiegħek;
- id-dritt li d-data personali tiegħek tiġi rettifikata;
- fejn applikabbli – id-dritt li d-data personali tiegħek tiġi mħassra;
- fejn applikabbli – id-dritt li l-ipproċessar jiġi ristrett;
- fejn applikabbli – id-dritt għall-portabbiltà tad-data;
- fejn applikabbli - id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar;
- id-dritt li tressaq ilment.

12. KIF TISTA' TEŻERĊITA D-DRITTIJIET TIEGĦEK?

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-kontrollur tad-data permezz ta' email fuq visit@europarl.europa.eu jew bil-posta, f'envelopp issiġillat, lil: L-Unità tal-Gruppi ta' Viżitaturi u taż-Żjarat fl-Emiċikli, Attenzjoni: il-Kap tal-Unità, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew, 60 rue Wiertz/Wiertzstraat 60, B-1047 – Bruxelles/Brussels.

Parlament Ewropew

Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Jekk ikollok xi kummenti jew ilmenti dwar il-mod kif id-data personali tiegħek tiġi pproċessata, tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew fl-indirizz elettroniku data-protection@europarl.europa.eu.

Għandek id-dritt li tressaq ilment mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq edps@edps.europa.eu jekk taħseb li seħħ ksur tad-drittijiet tiegħek fil-qafas tar-Regolament (UE) 2018/1725 b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek mill-Kontrollur tad-Data.

Jekk tixtieq issib aktar informazzjoni, tista' tikkonsulta r-Reġistru tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew, fejn jiġu nnotifikati l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data personali.